Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2023/2054(INI)

28.6.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar id-diversità kulturali u l-kundizzjonijiet għall-awturi fis-suq Ewropew tal-istreaming tal-mużika
(2023/2054(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Ibán García Del Blanco

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-diversità kulturali u l-kundizzjonijiet għall-awturi fis-suq Ewropew tal-istreaming tal-mużika
(2023/2054(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta’ Mejju 2021 dwar l-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni, fil-kultura u fis-settur awdjoviżiv[5],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A9-0000/2023),

A. billi s-settur tal-mużika huwa pilastru ewlieni tal-kultura, bħala komponent vitali tad-diversità kulturali u lingwistika fl-UE, bl-akbar firxa pubblika ta’ kwalunkwe settur kulturali u kreattiv;

B. billi l-kompożituri, l-awturi tal-kanzunetti u l-artisti huma l-ewwel u qabel kollox il-forzi kreattivi li jmexxu s-settur tal-mużika;

[1] ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34.
[2] ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1.
[3] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.
[4] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 88.
[5] ĠU C 15, 12.1.2022, p. 28.

C. billi l-innovazzjonijiet rapidi fit-teknoloġiji diġitali matul dawn l-aħħar żewġ deċennji ttrasformaw b'mod profond is-settur tal-mużika, b'mod partikolari l-mod kif il-mużika tinħoloq, tiġi prodotta u distribwita u l-mod kif in-nies ikollhom aċċess għaliha u jikkunsmawha;

D. billi s-settur tal-mużika qed jadatta ruħu b'mod kostanti, b'mudelli ta' negozju ġodda u modi ġodda ta' interazzjoni mal-udjenzi; billi, f'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġu indirizzati sfidi importanti, bħall-promozzjoni tad-diversità kulturali u r-remunerazzjoni ġusta għall-awturi;

E. billi l-istreaming tal-mużika issa huwa l-mod ewlieni li bih in-nies madwar id-dinja jgawdu l-mużika, u dan jipprovdi aċċess għal sa 300 miljun track, disponibbli kullimkien, fi kwalunkwe ħin u fuq kull tip ta' apparat, għal abbonament ta' kull xahar komparattivament baxx;

F. billi, għalkemm l-awturi u l-artisti huma fil-qalba tal-ħolqien tal-mużika, la huma rikonoxxuti u lanqas remunerati b'mod li jirrifletti l-firxa vera tal-kontribut tagħhom, u jirċievu dħul baxx ħafna ġġenerat mis-suq tal-istreaming tal-mużika, ħaġa li toħloq żbilanċ sinifikanti maż-żmien, li jeħtieġ li tiġi indirizzata;

G. billi l-pjattaformi tal-istreaming tal-mużika, permezz tal-użu tagħhom ta' algoritmi u sistemi ta' rakkomandazzjoni, għandhom rwol deċiżiv fid-determinazzjoni ta' dak li l-abbonati jisimgħu u għalhekk għandhom impatt sinifikanti fuq id-diversità kulturali;

H. billi dawn il-pjattaformi joperaw f'vojt ġuridiku fir-rigward tat-trasparenza u l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej, peress li ma għandhom l-ebda obbligu fil-livell tal-UE li jiżguraw kwalunkwe trasparenza dwar il-funzjonament tal-operazzjonijiet tagħhom;

I. billi l-promozzjoni tad-diversità kulturali fis-suq Ewropew tal-istreaming tal-mużika ma tistax tiddependi biss fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali ta' ftit operaturi globali privati dominanti;

J. billi s-settur tal-mużika qed iħabbat wiċċu dejjem aktar maż-żieda tal-kontenut iġġenerat mill-IA b'għadd dejjem jikber ta' tracks li jinvadu l-pjattaformi tal-istreaming fuq bażi ta' kuljum; billi l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-IA għandu minflok iservi u jsaħħaħ il-kreattività tal-bniedem;

K. billi ġew identifikati diversi każijiet ta' frodi u manipulazzjoni tal-istreaming jew streams minn artisti foloz, peress li ċerti atturi jimmanipulaw is-sistema biex inaqqsu d-dħul li għandu jmur għall-awturi, pereżempju, billi jużaw bots biex iżidu artifiċjalment in-numru ta' semmiegħa għal ċerti kanzunetti;

L. billi għandhom isiru aktar sforzi konġunti biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati, minħabba l-impatt tagħhom fuq is-suq, b'mod partikolari fuq is-sehem tad-dħul;

M. billi l-identifikazzjoni xierqa tal-awturi hija kruċjali mhux biss għar-rikonoxximent u r-remunerazzjoni aħjar tagħhom, iżda wkoll biex jiġu żgurati d-diversità u t-trasparenza fuq il-pjattaformi;

1. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tinħoloq ekosistema ġusta u sostenibbli għall-istreaming tal-mużika fl-UE li tippromwovi d-diversità kulturali u tikkoreġi l-iżbilanċi li jheddu s-settur;

2. Jenfasizza l-fatt li l-atturi kollha fil-katina tal-valur tal-istreaming tal-mużika jeħtieġ li jinvolvu ruħhom u jagħmlu l-bidliet meħtieġa biex jiżguraw ekosistema ġusta u sostenibbli fis-settur;

3. Jinnota bi tħassib li l-iżbilanċ attwali fl-allokazzjoni tad-dħul fis-suq tal-istreaming tal-mużika jisfavorixxi kemm lill-awturi kif ukoll lill-artisti u jqiegħed is-sostenibbiltà tal-karriera professjonali tagħhom fis-suq diġitali fir-riskju;

Lejn ekosistema sostenibbli għall-awturi

4. Jenfasizza li r-rwol ewlieni tal-awturi għandu jiġi rifless permezz ta' viżibbiltà akbar fuq is-servizzi tal-istreaming tal-mużika u distribuzzjoni aktar ibbilanċjata tad-dħul mill-istreaming;

5. Jenfasizza li huwa essenzjali li tittejjeb l-identifikazzjoni tal-awturi fuq is-servizzi tal-istreaming tal-mużika, b'mod partikolari billi tiġi żgurata allokazzjoni komprensiva u preċiża tal-metadata mill-mument tal-ħolqien;

6. Jistieden lill-atturi kollha tal-industrija tal-mużika jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-allokazzjoni komprensiva u korretta tal-metadata tal-kanzunetti billi jidentifikaw u jirrappurtaw b'mod preċiż id-data tal-awturi għax-xogħlijiet mużikali tagħhom;

7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza, b'mod partikolari fost l-awturi żgħażagħ, dwar l-importanza li l-kanzunetti jiġu identifikati b'mod preċiż bil-metadata xierqa;

8. Jikkundanna l-eżistenza tal-iskemi hekk imsejħa "payola", li jġiegħlu lill-awturi jaċċettaw dħul aktar baxx bi skambju għal viżibbiltà akbar, u b'hekk ikomplu jnaqqsu d-dħul tal-istreaming tagħhom li diġà huwa baxx ħafna, filwaqt li l-wegħda ta' viżibbiltà akbar tibqa' ma titwettaqx fil-biċċa l-kbira tal-każijiet;

9. Jinnota li hemm kompetizzjoni qawwija bejn il-forniturі tal-istreaming tal-mużika fis-suq Ewropew, bi ftit atturi globali dominanti; ifakkar fil-ħtieġa ta' implimentazzjoni rapida tal-Att dwar is-Suq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali sabiex tiġi żgurata ekosistema ġusta fost il-pjattaformi online u l-forniturі tas-servizzi tal-mużika;

Prominenza u skopribbiltà ta' xogħlijiet tal-UE

10. Jirrimarka li għandha tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE biex jiġu ggarantiti l-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tax-xogħlijiet Ewropej, meta wieħed iqis ir-rikkezza tal-kontenut attwalment disponibbli fuq il-pjattaformi tal-istreaming tal-mużika;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas legali biex tiżgura l-prominenza u l-iskopribbiltà tax-xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi tal-istreaming tal-mużika;

12. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tiżgura li dan il-qafas jinkludi indikaturi speċifiċi tad-diversità li jippermettu valutazzjoni indipendenti tal-użu u l-viżibbiltà tax-xogħlijiet Ewropej, pereżempju, fil-lingwi nazzjonali u minoritarji jew ippubblikati minn awturi indipendenti;

13. Jisħaq, barra minn hekk, li dan ikun jeħtieġ monitoraġġ u rappurtar regolari dwar il-prominenza u l-iskopribbiltà ta' xogħlijiet Ewropej fuq, fost l-oħrajn, il-playlists organizzati minn professjonisti, l-interfaċċi tal-utenti u s-sistemi ta' rakkomandazzjoni;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tirrefletti dwar il-possibbiltà li jiġu imposti kwoti fuq il-pjattaformi tal-istreaming tal-mużika;

Lejn l-użu etiku tal-IA

15. Jappella għall-użu etiku tal-IA fis-settur tal-mużika u jappoġġja trasparenza massima fi kwalunkwe aspett tal-iżvilupp, il-produzzjoni u t-twassil ta' xogħlijiet mużikali permezz ta' teknoloġiji tal-IA;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi obbligi legali biex tiżgura t-trasparenza tal-algoritmi u s-sistemi ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut ta' pjattaformi kbar ħafna għall-istreaming tal-mużika, bil-għan tal-prevenzjoni ta' prattiki ta' manipulazzjoni frawdolenti u inġusti tal-istreaming, bħall-tal-istreaming frawdolenti u l-istreaming ta' artisti foloz li jintużaw biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jkompli jinżel il-valur għall-awturi professjonali, kif ukoll biex tiġi żgurata d-diversità kulturali;

17. Jenfasizza li l-pubbliku għandu jiġi infurmat jekk ix-xogħlijiet mużikali, il-kanzunetti jew l-artisti li jisimgħu fuq il-pjattaformi tal-istreaming tal-mużika ġewx iġġenerati mill-IA u mhux mill-awturi umani; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li tiġi stabbilita tikketta "iġġenerat mill-IA" għall-mużika ġġenerata mill-IA;

18. Jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-awturi, li x-xogħlijiet tagħhom intużaw għat-taħriġ ta' applikazzjonijiet li jiġġeneraw l-IA, jirċievu remunerazzjoni ġusta għal dan;

Perspettivi

19. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tistabbilixxi osservatorju Ewropew tal-mużika biex jipprovdi informazzjoni dwar is-swieq tal-mużika fl-UE billi jiġbor u janalizza data fl-Istati Membri, kif ukoll biex janalizza kwistjonijiet legali li jaffettwaw is-settur tal-mużika, b'mod partikolari s-suq tal-istreaming tal-mużika u jirrapporta dwarhom;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi djalogu strutturat bejn il-partijiet ikkonċernati sabiex jiddiskutu kwistjonijiet attwali li jaffettwaw is-suq tal-istreaming tal-mużika u jiddiskutu ħidma flimkien biex isibu soluzzjonijiet komuni;

°

° °

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

It-trasformazzjoni diġitali b'pass imgħaġġel li qed tgħix is-soċjetà tagħna qed tikkawża żbilanċi fl-interrelazzjonijiet soċjali tradizzjonali, li minħabba l-veloċità tal-bidla nnifisha xi drabi tagħmilha diffiċli li dawn jiġu kkoreġuti jew trasformati. Is-swieq kollha ġew affettwati minn żbilanċi, bir-riżultat li wħud minnhom huma aktar evidenti minn oħrajn. Is-settur kulturali wkoll intlaqat minn dawn il-bidliet. Il-fenomenu tal-konsum online (bil-pjaga konsegwenti tal-piraterija diġitali), iż-żieda enormi fil-kreazzjonijiet li saru disponibbli globalment u ż-żieda konsegwenti fil-konsum u l-kompetizzjoni, l-użu ta' għodod ġodda fil-proċess tal-kreattività, l-isplużjoni tal-intelliġenza artifiċjali, il-ħolqien ta' "dinjiet virtwali" jew metaversi wasslu għal riekwilibriju tal-parteċipanti fil-katina tal-valur, jekk mhux l-introduzzjoni ta' atturi ġodda u l-għajbien prattiku ta' oħrajn. Peress li l-karatteristiċi fraġli u prekarji tagħha huma karatteristiċi magħrufa tal-ekosistema kulturali, u dawn il-bidliet seħħew b'din il-veloċità u b'rispons insuffiċjenti u tard tal-liġijiet, aktarx li din is-sistema sofriet u qed issofri aktar minn oħrajn biex tadatta ruħha għar-realtà l-ġdida, f'termini tal-kundizzjonijiet tal-artisti u l-kreaturi, prinċipalment, iżda wkoll tal-katina tal-valur kollha.

Nistgħu ngħidu li l-mużika hija waħda mis-sottosistemi kulturali li għaddiet mill-aktar bidla drammatika. Fi ftit snin biss imxejna mid-diska tal-vinyl jew is-CDs għall-konsum online tal-massa. Illum, il-pubbliku jikkonsma mużika bl-istreaming permezz ta' pjattaformi online li joperaw globalment u jagħmlu disponibbli miljuni ta' tracks mużikali (sa 300 miljun). Anke l-mudell tar-radju tal-mużika issa qed jonqos. Qatt daqs illum ma ġiet ikkunsmata tant mużika fid-dinja u qatt daqs illum ma kien hemm aċċess daqshekk kbir għal varjetà infinita ta' artisti, stili u forom. Qatt daqs illum ma kien daqshekk kbir dan il-"kejk" ekonomiku tal-mużika. Iżda din ir-realtà fiha l-paradoss tagħha stess: qatt daqs illum is-sitwazzjoni tal-kreaturi u tal-artisti ma kienet daqshekk prekarja, bl-eċċezzjoni ta' ftit artisti ta' suċċess kbir, u qatt daqs illum il-varjetà tal-aktar stili popolari ma kienet daqshekk ristretta.

Tabilħaqq, qed naraw kif l-esperjenza tal-mużika qed tiġi ttrasformata f'komoditá b'mod l-aktar estrem, fejn il-varjetajiet stilistiċi l-anqas popolari dejjem qed isibu anqas spazju u fejn il-lingwi anqas mitkellma għandhom spazju ta' konsum dejjem iċken, anke fil-pajjiż ta' oriġini. Il-ħolqien ta' suq dinji kbir online tal-mużika wassal għal offerta dejjem aktar uniformi, magħmula minn listi definiti ta' rakkomandazzjonijiet u algoritmi li jissintetizzaw dejjem aktar il-gosti tal-udjenzi.

Huwa diffiċli għall-awturi jew l-artisti ta' stili ta' minoranza jew sperimentali li jkollhom viżibbiltà fuq pjattaformi b'offerta massiva. Dawk li jkunu barra mil-listi tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin jew mill-iskrin ta' quddiem ta' dawn il-pjattaformi huma kkundannati għall-irrelevanza. Lanqas issa l-istazzjonijiet tar-radju ma għandhom poter kbir biex idaħħlu ismijiet ġodda fis-suq, filwaqt li l-uniċi rotot alternattivi huma dawk ta' networks soċjali oħra li saħansitra komplew ifaqqru l-esperjenza artistika.

Il-ħtieġa li jkun hemm preżenza f'sistemi ta' rakkomandazzjoni wasslet għal prattiki bħal l-"iskemi payola", fejn l-awturi jaċċettaw pagamenti iktar baxxi għal viżibbiltà akbar. Din hija ċertament prattika drammatika, meta wieħed iżomm f'moħħu, barra minn hekk, li d-dħul li jirċievu l-kreaturi u l-artisti permezz tat-tariffi dovuti għall-konsum tax-xogħlijiet tagħhom fuq l-istreaming huwa assolutament ridikolu. L-artisti li x-xogħlijiet tagħhom jiġu riprodotti

mijiet ta' eluf ta' drabi fis-sena ma jistgħux isostnu lilhom infushom finanzjarjament b'dan il-mezz; allura jkollhom jirrikorru għal kunċerti live, għat-tagħlim jew għal attivitajiet alternattivi oħra. Dan huwa sempliċiment insostenibbli.

Huwa kruċjali li ssir analiżi dettaljata tal-katina tal-valur tas-settur tal-mużika, biex jiġi identifikat fejn jinsabu l-iżbilanċi tiegħu u jiġu introdotti miżuri korrettivi permezz ta' għodod legali u/jew kodiċijiet ta' prattika tajba. M'għandniex inħallu l-analiżi tagħna tiġi affettwata mill-preġudizzji, mill-miti jew mid-demonizzazzjoni ta' ċerti artisti tas-suq tal-mużika. L-atturi kollha għandhom rwol essenzjali u, fi kwalunkwe każ, kulħadd jeħtieġ azzjoni bbilanċjata biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-introduzzjoni ta' artisti u proposti mużikali ġodda fis-suq.

"Magħquda fid-Diversità" huwa l-motto tal-Unjoni Ewropea. Din il-fraża, inkorporata fil-preambolu tat-Trattat fundatur tagħna, tinqara b'żewġ modi fundamentali, kemm bħala konstatazzjoni, kif ukoll bħala obbligu:

- Huwa permezz tal-kultura li niffurmaw ruħna bħala proġett taċ-ċivilizzazzjoni; l-Unjoni Ewropea mingħajr kultura, li l-komunitajiet umani kollha fi ħdanha jġibu magħhom, hija biss qoxra vojta, bl-ebda ruħ.

- Huwa d-dmir tal-Unjoni li tiggarantixxi din id-diversità, li mingħajrha l-proġett huwa nieqes mis-sens. Din id-diversità ma tiġix realizzata biss fil-qasam lingwistiku jew etnografiku, iżda fil-protezzjoni tal-magma kreattiva rikkissima tas-soċjetajiet tagħna.

Abbażi ta' din l-interpretazzjoni doppja tad-dikjarazzjoni tagħna, l-Unjoni Ewropea adottat regoli diversi drabi biex tipproteġi l-avveniment kulturali u d-drittijiet tal-artisti u l-kreaturi, kemm fiżikament kif ukoll diġitalment. Issa huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni biex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà tas-settur kreattiv tal-mużika u biex inkunu nistgħu noħolqu r-rikkezza, mhux biss spiritwali iżda wkoll fis-sens finanzjarju. Dan ir-rapport iservi bħala rakkomandazzjoni li fassalna fil-Kumitat għall-Kultura tal-Parlament Ewropew biex inwettqu r-responsabbiltà tagħna stess għal dan l-objettiv, filwaqt li fassalna test permezz ta' ħidma intensiva mas-settur, li għandu l-għan li jidentifika l-funzjonament ħażin ta' dan is-suq u jipproponi soluzzjonijiet għalihom.

"Il-ħajja mingħajr mużika hija sempliċiment żball, telgħa iebsa, eżilju", jgħid Nietzsche; il-mużika probabbilment hija l-aktar esperjenza artistika ta' valur metafiżiku, inspjegabbli u inkonċepibbli li l-bnedmin jistgħu jgawdu, huwa "seħer" li anke Nietzsche tkellem dwaru. Issa jinsab f'idejna li nagħmlu l-almu tagħna sabiex l-Ewropa tagħna tkompli ssostni din il-maġija.